



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5406/24

JEUN 8

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 1 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 1 final.

Mehmuż: COM(2024) 1 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.1.2024
COM(2024) 1 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar is-Sena Ewropea taż-Żghażaġh 2022

{SWD(2024) 1 final}

1 INTRODUZZJONI

Fl-2024, iż-żgħażaġh Ewropej huma l-aktar ġenerazzjoni edukata, midħla tat-teknoloġija, mobbli, u konnessa sal-lum. Iċ-ċittadini żgħażaġh tal-UE jirrapportaw bħala medja livelli pjuttost għoljin ta' benesseri soġġettiv¹. Huma attivi fis-soċjetajiet li jgħixu fihom² u l-grupp ta' età li huwa l-aktar sodisfatt bil-mod kif taħdem id-demokrazija fl-UE³. Fl-istess ħin, huma affettwati mill-kriżi finanzjarja globali tal-2008, il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna. Il-volatilità, l-inċertezza u l-bidla bla preċedent huma xi ħaġa normali għat-73 miljun żagħżuġh u żagħżuġha⁴ fl-Unjoni Ewropea, u dawn qed jinfluwenzaw l-opportunitajiet ta' ħajjithom u s-saħħa mentali tagħhom. Minkejja l-kriżijiet multipli, iż-żgħażaġh tal-lum żviluppaw livell għoli ta' reżiljenza.

Dan il-kuntest ifforma l-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-imġiba taż-żgħażaġh tal-lum.

Filwaqt li ż-żgħażaġh huma eteroġeni, u jesprimu viżjonijiet differenti u xi drabi kunfliġġenti, ħaġa waħda hija ċara: huma joffru **perspettiva ġenerazzjonali unika**. L-inklużjoni ta' din il-perspettiva diversa taż-żgħażaġh fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-preżent u l-futur ma hijiex biss ġusta, iżda meħtieġa.

Id-daqs tal-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom illum jirrikjedi l-involviment ta' kulħadd. Sabiex nappoġġaw id-demokrazija, niżguraw il-paċi, inkunu sodi fuq il-valuri Ewropej u nagħmlu l-aħjar użu mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, għandna bżonn il-**kreattività, l-enerġija u t-talenti diversi** taċ-ċittadini kollha, speċjalment taż-żgħażaġh.

Huwa għalhekk li, fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Settembru 2021⁵, il-President von der Leyen pproponiet li l-2022 tiġi nominata bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, bħala rikonoxximent tar-reżiljenza li ż-żgħażaġh urew matul il-pandemija tal-COVID-19 u biex jingħataw is-setgħa li jsawru l-futur tal-Ewropa f'dinja ta' wara l-pandemija. L-appoġġ għal dimensjoni b'saħħitha taż-żgħażaġh fil-prioritajiet u fil-politiki tal-UE ġie mtenni fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, kif ukoll permezz ta' organizzazzjonijiet ewlenin tal-partijiet ikkonċernati bħall-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

"Voice your Vision" kien is-slogan tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, sena li kellha l-għan li tagħti liż-żgħażaġh **prospetti pożittivi**, li tagħti spinta lill-**parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika**, f'konformità mat-Trattat ta' Liżbona u li tagħtihom **vuċi aktar b'saħħitha fit-tfassil tal-politika tal-UE**.

L-**elezzjonijiet Ewropej** li ġejjin f'Ġunju 2024 ikomplu jampifikaw l-importanza li ż-żgħażaġh jiġu involuti fil-proċess demokratiku. Il-Parlament Ewropew li jmiss se jkollu vuċi deċiżiva f'oqsma ta' tħassib għaż-żgħażaġh – is-saħħa u l-benesseri, l-ambjent u l-klima, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-valuri Ewropej, l-impjiegi u l-inklużjoni. Għalhekk huwa kruċjali li ċ-ċittadini żgħażaġh jieħdu l-opportunità li jesprimu l-għażla tagħhom għall-Ewropa u jiżguraw ir-rappreżentanza ppreferuta tagħhom fl-assemblea eletta direttament tal-UE.

¹ Fl-2022 żgħażaġh ta' bejn 16 u 29 sena kklassifikaw is-sodisfazzjoni tagħhom bil-ħajja bħala medja għal 7,3 punti fuq skala minn 0 (mhux sodisfatt affattu) sa 10 (sodisfatt ħafna) (Eurostat, [Quality of life indicators - overall experience of life](#))

² [Stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash 502 - "Żgħażaġħ u Demokrazija fis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ"](#), Meiġu 2022.

³ [Stħarriġ tar-Rebbiegħa 2023 tal-Parlament Ewropew: Democracy in action - One year before the European elections](#)

⁴ L-aktar statistika reċenti disponibbli tal-Eurostat dwar l-għadd totali ta' żgħażaġh (ta' bejn il-15 u d-29 sena). Ara: [EU Dashboard - Youth - Eurostat \(europa.eu\)](#).

⁵ [Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea 2021 \(europa.eu\)](#).

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tkompli twassal riżultati fir-rigward tal-aspettattivi taż-żgħażaġh sabiex tagħtihom futur aħjar. Dan l-impenn se jiġi solidifikat bl-introduzzjoni ta' **verifika taż-żgħażaġh** biex jiġi żgurat li l-effetti tal-politiki tal-UE fuq iż-żgħażaġh jitqiesu sistematikament fit-tfassil tal-politiki, **billi jintuża l-potenzjal sħiħ tal-qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar**. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-ħtiġijiet u l-vuċijiet taż-żgħażaġh jitqiesu fl-oqsma kollha tal-politika.

Skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022)⁶, din il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-kisbiet ewlenin tas-Sena u l-**azzjonijiet ta' prijorità**, filwaqt li ssostni l-legat tas-Sena taż-Żgħażaġħ. Il-Kummissjoni tipproponi dawn il-miżuri f'konformità mal-Artikolu 6(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn, fil-qasam taż-żgħażaġh, l-UE għandha l-mandat li twettaq azzjonijiet sabiex **tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri**. B'mod partikolari, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni fih ir-rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati, u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena.

Din il-Komunikazzjoni u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, flimkien mar-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh⁷ għall-2019-2027 (mistenni fl-2024), se jgħinu **jsawru l-futur tal-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh u jsaħħu l-kontribut taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika tal-UE**⁸.

2 IS-SENA EWROPEA TAŻ-ŻGHAŻAĠH – KISBIET EWLENIN⁹

Is-suċċess tas-Sena kien ir-riżultat ta' **sforz ta' kokreazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati u f'diversi livelli** li jinvolvi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati taż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh. Kif mitlub mid-Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġh¹⁰ u biex tiġi żgurata koordinazzjoni ottimali, il-Kummissjoni ħolqot grupp ta' 29 koordinatur nazzjonali għas-Sena, innominati mill-Istati Membri tal-UE¹¹, 6 punti ta' kuntatt nazzjonali fil-pajjiżi assoċjati mal-Erasmus+ u aktar minn 120 parti ikkonċernata taż-żgħażaġh fil-livell Ewropew.

Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni kienu kontributuri attivi għall-grupp. Din il-mobilizzazzjoni wiesgħa ta' atturi diversi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tas-Sena rriżultat fi sħubijiet ġodda fil-livelli kollha, li se jaffettwaw b'mod pożittiv il-kooperazzjoni taż-żgħażaġh għas-snin li ġejjin.

Is-Sena wasslet b'suċċess għal mobilizzazzjoni u impenn fuq skala kbira fil-livelli kollha. **Aktar minn 2 700 parti ikkonċernata**¹² madwar l-UE u lil hinn minnha rreġistraw attivitajiet fuq il-

⁶ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), p. 1.

⁷ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.

⁸ L-azzjonijiet relatati mal-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh proposti f'din il-Komunikazzjoni se jiġu żviluppati f'sinerġija ma' azzjonijiet skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final.

⁹ Rapport sħiħ tal-kisbiet tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ huwa stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022).

¹¹ Peress li l-politika dwar iż-żgħażaġh hija r-responsabbiltà tat-tliet Komunitajiet lingwistiċi fil-Belġju, inhattru tliet koordinaturi.

¹² Għadd ta' partijiet ikkonċernati li ppreżentaw attivitajiet fuq il-mappa tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.

mappa tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, u b'hekk ikkontribwixxew għall-erba' objettivi tas-Sena.¹³

L-attivitajiet bħala parti mis-Sena kienu **għaż-żgħażaġh** u ġew implimentati **magħhom** u **minnhom**. Madwar 92 % tal-koordinaturi nazzjonali u tal-punti ta' kuntatt nazzjonali mhux tal-UE kkollaboraw mal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh magħmula miż-żgħażaġh. Mit-18-il grupp/network ta' tmexxija stabbiliti fil-livell nazzjonali, 16 kienu jinkludu kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh u 12 kienu jinkludu organizzazzjonijiet oħra taż-żgħażaġh.

Is-Sena gābet lill-istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali eqreb lejn iż-żgħażaġh. Bis-saħħa tas-Sena, għadd akbar ta' żgħażaġh Ewropej esperjenzaw direttament kif l-UE żżid il-valur ma' ħajjithom, tappoġġa l-iżvilupp personali tagħhom u tagħtihom riżorsi u ħiliet ewlenin biex isiru ċittadini u aġenti attivi ta' solidarjetà u ta' bidla pożittiva. Madwar 83 % tal-attivitajiet matul is-Sena saru wiċċ imbwiċċ. Dan l-isforz ta' lħuq kien importanti biex iż-żgħażaġh jiġu infurmati, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, dwar bosta opportunitajiet.

L-impatt tal-ilħuq tas-Sena Ewropea taż-

Aktar minn **13 000 attività** organizzati minn **2 700 parti kkonċernata** madwar **67 pajjiż** irreġistrati fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ

92 % tal-koordinaturi u tal-punti ta' kuntatt nazzjonali ħadmu ma' kunsilli taż-żgħażaġh.

Aktar minn **miljun persuna żaru l-paġna** fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.

EVV għall-kontenut tas-Sena fuq il-Portal Fuq il-mezzi tal-media soċjali taż-Żgħażaġħ tal-UE:

- **210 miljun impressjoni**
- **10 miljun impenn**
- **210 miljun impressjoni**
- **91,4 miljun persuna milħuqa.**

Djalogi dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ

Madwar **300** żaġħżuġh u żaġħżuġha ħadu sehem fi **djalogi dwar il-politika taż-żgħażaġh mal-Kummissarji Ewropej.**

Huma kkondividew **l-ideat u l-għarfien** tagħhom u tgħallmu **dwar kif taħdem l-UE.**

Dawn **ingħaqdu flimkien mal-pari tagħhom u żviluppaw għarfien espert** f'diversi oqsma ta' politika.

L-ilħna tagħhom ġew amplifikati permezz ta' **kampanji ta' komunikazzjoni** online dwar id-djalogi. **95 %** tal-parteċipanti kklassifikaw id-

L-akbar aspettattiva taż-żgħażaġh tas-Sena kienet li s-soċjetà u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jisimgħu aktar it-talbiet tagħhom u jaġixxu fuqhom¹⁴. Fil-kuntest tas-Sena, iż-żgħażaġh kienu fiċ-ċentru tal-aġenda politika u kellhom ħafna **opportunitajiet biex jesprimu l-viżjoni u l-ideat tagħhom** dwar kwistjonijiet ta' importanza għalihom. Kważi 90 % tal-partijiet ikkonċernati fis-settur taż-żgħażaġh u 66 % taż-żgħażaġh li pprovdew feedback ikkonfermaw li s-Sena tathom dawn l-opportunitajiet biex isemmgħu leħinhom.

L-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika tal-UE¹⁵ kienet objettiv ewleni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, li ntlaħaq permezz ta' mobilizzazzjoni vasta bejn id-dipartimenti madwar il-Kummissjoni. Ikkontribwew aktar minn 30 dipartiment, b'aktar minn **130 inizjattiva ta' politika għaż-żgħażaġh, li ħafna minnhom ġew żviluppatti f'kooperazzjoni magħhom**. Madwar

¹³ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022).

¹⁴ Stharriġ tal-Ewrobarometru Flash 502 - "Youth and democracy in the European Year of Youth", Mejju 2022.

¹⁵ Is-Sena kienet strutturata madwar disa' oqsma ta' politika ta' interess speċjali għaż-żgħażaġh: il-mobilità Ewropea tal-apprendiment, l-impjiegi u l-inklużjoni, id-djalogi dwar il-politika u l-parteċipazzjoni, il-qasam ekoloġiku, il-qasam diġitali, il-kultura, is-saħħa, il-benesseri u l-isport, iż-żgħażaġh u d-dinja u s-solidarjetà mal-Ukrajna.

EUR 140 miljun ġew identifikati fi programmi u fi strumenti rilevanti tal-UE għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tas-Sena, inkluż permezz ta' kampanji, avvenimenti u sejħiet għal proposti. Fil-livell nazzjonali, **81 %** tal-koordinaturi nazzjonali u tal-punti ta' kuntatt nazzjonali rrapportaw li kienu kkollaboraw ma' ministeri jew ma' korpi pubbliċi għajr dawk responsabbli għall-politika dwar iż-żgħażaġh. U **69 %** stabbilew gruppi/networks ta' tmexxija għas-Sena (li minnhom il-ministeri/il-korpi pubbliċi mhux speċjalizzati għaż-żgħażaġh iffurmaw **61 %**).

L-oġġettivi ewlenin tas-Sena ta' parteċipazzjoni akbar taż-żgħażaġh u l-inkorporazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh fil-firxa tal-politika ntlaħqu b'mod ċar u jridu jiġu appoġġati. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ kienet storja ta' suċċess tal-kooperazzjoni Ewropea, u l-legat tagħha jrid jitkompla.

3 IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Bħala legat tas-Sena u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, il-Kummissjoni se tmexxi 'l quddiem l-azzjoni **f'żewġ oqsma ewlenin**:

- li iż-żgħażaġh jingħataw vuċi aktar b'saħħitha fit-tfassil tal-politika tal-UE u
- li t-tħassib taż-żgħażaġh jiġi indirizzat fl-oqsma kollha ta' politika.

Dawn l-isforzi se jibnu fuq il-**qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni**, li joffri struttura ċara għall-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u għall-valutazzjoni tal-impatti. Il-Kummissjoni se tiżgura kapacià interna msaħħa biex taħdem maż-żgħażaġh u se tistabbilixxi djalogu b'saħħtu u kontinwu mal-partijiet ikkonċernati matul iċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika.

Ir-riflessjonijiet tal-Kummissjoni ġew infurmati minn varjetà ta' proposti biex jitmexxew 'il quddiem l-isforzi sabiex tiġi approfondita d-dimensjoni taż-żgħażaġh tal-politiki tal-UE¹⁶. Il-**Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ** stabbilixxa suġġerimenti għal Test taż-Żgħażaġħ tal-UE¹⁷. Il-**Parlament Ewropew** fir-risoluzzjoni tiegħu dwar il-legat tas-Sena¹⁸ talab lill-Kummissjoni tadotta Test taż-Żgħażaġħ tal-UE biex tiżgura l-involvement u l-impenn taż-żgħażaġh fit-tħejjija tal-politiki tal-UE. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh¹⁹, il-**Kunsill** stieden lill-Kummissjoni tuża l-qafas tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar biex tqis l-impatt ta' politiki ġodda fuq iż-żgħażaġh.

3.1 IŻ-ŻGHAŻAĠH JINGĦATAW VUĊI AKTAR B'SAĦĦITHA FIT-TFASSIL TAL-POLITIKA TAL-UE

Kull azzjoni li tiegħu l-UE għandha tkun ispirata mis-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tħares il-ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet fid-deċiżjonijiet tagħha biex "[i]nħallu d-dinja post aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss."²⁰ Barra minn hekk, ħafna inizjattivi u

¹⁶ Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE (SOC/728 EU Youth Test); il-Kumitat tar-Reġjuni jirreferi għat-"Test taż-Żgħażaġħ" fil-Karta dwar iż-Żgħażaġħ u d-Demokrazija li tnediet mal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

¹⁷ Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ - Test taż-Żgħażaġħ tal-UE.

¹⁸ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-wirt li ħallitilna s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (2022/2953(RSP)).

¹⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fl-Unjoni Ewropea, (C/2023/1342).

²⁰ L-Istat tal-Unjoni 2022 (europa.eu).

deċiżjonijiet ta' politika tal-UE għandhom impatt dirett fuq il-ħajja tal-ġenerazzjoni kurrenti taż-żgħażaġh, kif muri wkoll fl-għanijiet Ewropej dwar iż-żgħażaġh,²¹ li huma parti integrali mill-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Għalhekk, l-“integrazzjoni” taż-żgħażaġh – li tqis id-dimensjoni taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha – hija prijorità għall-kooperazzjoni tal-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh.

Biex tintegra l-perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma kollha ta' politika meta jitfasslu jew jinbidlu l-politiki, **il-Kummissjoni għalhekk se tiżgura “verifika taż-żgħażaġh”** billi tagħmel użu sħiħ mill-għodod ta' Regolamentazzjoni Aħjar u ta' konsultazzjoni. Din il-verifika taż-żgħażaġh ma tibdiex mill-bidu nett, peress li l-Kummissjoni diġà għandha sett ta' **għodod rilevanti ta' ²²Regolamentazzjoni Aħjar**, li se jiġu kkomplementati b'diversi **strumenti speċifiċi għaż-żgħażaġh** skont l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027²³.

3.1.1 VERIFIKA TAŻ-ŻGHAŻAĠH: UŻU SĦIĦ TA' GĦODOD TA' REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR U KONSULTAZZJONI

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-**għodod** eżistenti **għal Regolamentazzjoni Aħjar jintużaw sal-potenzjal massimu tagħhom**. Is-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar jidentifika mistoqsijiet ewlenin biex jiġi stabbilit is-sinifikat tal-impatti għaż-żgħażaġh:

- **Għodda#31** dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, il-Kultura u ż-Żgħażaġħ tipprovdi gwida, referenzi u sfond dwar kif għandhom jiġu vvalutati l-impatti fuq iż-żgħażaġh (il-ħajja demokratika, l-involviment ċivili, l-edukazzjoni u l-apprendiment, is-suq tax-xogħol, is-saħħa u l-benesseri, l-inklużjoni u l-għieda kontra l-faqar).
- **Għodda#29** dwar id-Drittijiet Fundamentali, inkluża l-promozzjoni tal-ugwaljanza, tinkludi referenza espliċita għad-dimensjoni tal-età u d-drittijiet tat-tfal fil-valutazzjoni tal-impatti kif ukoll fil-mitigazzjoni tal-impatti negattivi potenzjali meta d-deċiżjonijiet ta' politika li jidhru newtrali jista' jkollhom impatt differenzjali fuq gruppi speċifiċi, anke meta tali impatt la kien maħsub u lanqas previst.
- **Għodda#20** dwar il-previżjoni Strateġika tappoġġa l-valutazzjoni ta' kif il-megatendenzi relatati ta', pereżempju, it-tibdil demografiku, l-aċċess għal materja prima limitata, li jitransformaw malajr ir-realtà teknoloġika u soċjoekonomika, jistgħu jaffettwaw liż-żgħażaġh.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar se tirriżulta f'**verifika taż-żgħażaġh**. Il-perspettiva taż-żgħażaġh se tkun inkorporata fit-tfassil tal-politika f'**erba' fażijiet ewlenin**:

1. **Valutazzjoni tar-rilevanza għaż-żgħażaġh** – il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-korrispondenti tagħha għaż-żgħażaġh (ara aktar hawn taħt), u bl-involviment tan-**Network taż-Żgħażaġħ** meta jkun meħtieġ, tivvaluta jekk inizjattiva ppjanata inkluża fl-inizjattivi ta' prijorità stabbiliti fl-Anness I tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni jkollhiex rilevanza sinifikanti għaż-

²¹ [Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ | Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ \(europa.eu\).](#)

²² L-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolamentazzjoni Aħjar tiżgura t-tfassil trasparenti u bbażat fuq l-evidenza tal-liġi tal-UE abbażi tal-fehmiet ta' dawh affettwati. Ara: [Regolamentazzjoni aħjar \(europa.eu\).](#)

²³ [Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.](#)

żgħażaġh. Se jintuża proċess konsistenti biex jiġu identifikati dawn l-inizjattivi prijoritarji ewlenin.

2. **Konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh** – meta inizjattiva tkun ġiet identifikata bħala partikolarment rilevanti għaż-żgħażaġh, il-Kummissjoni se tqis konsultazzjoni ddedikata għaż-żgħażaġh (stħarriġ immirat, diskussjonijiet maż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet rappreżentattivi taż-żgħażaġh jew il-pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ). Barra minn hekk, f'każijiet bħal dawn, sett obligatorju ta' mistoqsijiet immirat għaż-żgħażaġh se jiġi inkluż fil-konsultazzjonijiet pubbliċi, bil-possibbiltà li jiġi identifikat il-grupp ta' età ta' dawh li jwieġbu. Dan se jgħin biex jistimula ulterjorment il-kontribuzzjonijiet taż-żgħażaġh u jiddeskrivihom fil-valutazzjonijiet tal-impatt. Il-koordinaturi nazzjonali/reġjonali ġodda taż-żgħażaġh (ara aktar hawn taħt) jistgħu jiġu mmobilizzati biex jiffaċilitaw il-konsultazzjonijiet fil-livell nazzjonali.
3. **Valutazzjoni tal-impatt** – il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-korrispondenti taż-żgħażaġh, twettaq il-valutazzjoni tal-impatt, billi tibbaża fuq l-għodod kollha ta' Regolamentazzjoni Aħjar meqjusa bħala partikolarment rilevanti għaż-żgħażaġh u tiżgura li l-impatti fuq iż-żgħażaġh jiġu analizzati kif xieraq kull meta jkunu ġew identifikati bħala rilevanti.
4. **Skrutinju** – il-**Bord tal-Iskrutinju Regulatorju** jivverifika jekk l-impatti kollha ġewx analizzati kif xieraq, inklużi l-impatti fuq iż-żgħażaġh u l-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh kull meta jiġu identifikati bħala partikolarment rilevanti għall-inizjattiva.

Biex jinżamm il-momentum politiku tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh għal inizjattivi ġodda u biex jinbnew l-esperjenza u l-għarfien, fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni se tniedi serje ta' **diskussjonijiet madwar mejda ddedikati għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh** bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra tal-UE. Id-diskussjonijiet madwar mejda se jsiru b'rabta mal-pubblikazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, u se jiżguraw il-monitoraġġ tat-tagħlimiet meħuda mill-verifika taż-żgħażaġh tal-Kummissjoni u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-ambitu tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

Biex tapprofondixxi l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika, il-Kummissjoni se:

- **tinvolvi ruħha wkoll fi djalogu mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti taż-żgħażaġh**, filwaqt li tinvolvihom aktar fit-tħejjija ta' proposti ta' politika rilevanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ liż-żgħażaġh biex jipparteċipaw b'mod attiv u jsemmgħu l-vuċijiet tagħhom f'konsultazzjonijiet pubbliċi u mmirati, djalogi ma' dawh li jfasslu l-politika u l-panels taċ-ċittadini.
- **issegwi d-djalogi ta' politika b'suċċess mal-Kummissarji**, li kienu inizjattiva ewlenija tas-Sena. Iż-żgħażaġh minn madwar l-Ewropa u lil hinn minnha se jkollhom opportunità regolari biex ikollhom skambji mal-Kummissarji dwar suġġetti u inizjattivi ewlenin, b'enfasi fuq il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.
- **tkompli ssaħħaħ il-kapaċità interna tagħha li taħdem maż-żgħażaġh**. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tas-Sena, il-Kummissjoni se tkompli n-**Network intern taż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni** fejn il-**korrispondenti taż-żgħażaġh** ikunu l-punti ta' kuntatt primarji dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom, u se tgħin biex jissaħħu l-kooperazzjoni transsettorjali u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh. Dan in-network, animat mill-**koordinatur taż-żgħażaġh tal-UE**, se jiskambja informazzjoni dwar il-politiki li jkunu qed jitħejjew li jista' jkollhom impatt potenzjali fuq iż-żgħażaġh, u se jikkoopera mal-grupp ta' pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ.

- Bħala segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – eżerċizzju mingħajr preċedent fid-demokrazija pan-Ewropea – il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti vuċi aktar b’saħħitha liċ-ċittadini żgħażaġh fit-tfassil tal-politika tal-UE billi tlaqqa’ b’mod regolari **panels taċ-ċittadini** magħżula b’mod aleatorju – li terz minnhom huma żgħażaġh biex jiddeċidaw dwar ċerti inizjattivi ta’ politika ewlenin.²⁴ Minn meta ġiet konkluża l-Konferenza, ġew organizzati tliet panels biex jiddeċidaw dwar il-ħela tal-ikel, id-dinjiet virtwali u l-mobbiltà tal-apprendiment. Id-dimensjoni qawwija taż-żgħażaġh għandha tinżamm għall-panels taċ-ċittadini li se jsiru fil-futur.

Azzjonijiet ewlenin:

1. L-użu tal-potenzjal sħiħ tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh bħala parti mill-qafas u mis-sett ta’ għodod ta’ Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni, li jirriżulta f’kontroll taż-żgħażaġh
2. It-tkomplija tad-djalogi dwar il-politika taż-żgħażaġh mal-Kummissarji
3. It-tkomplija tal-iżgurar ta’ parteċipazzjoni b’saħħitha taż-żgħażaġh fil-panels taċ-ċittadini
4. Il-mobilizzazzjoni ulterjuri tan-Network intern tal-Kummissjoni għaż-Żgħażaġħ tal-korrispondenti taż-żgħażaġh
5. It-tnedija ta’ serje ta’ diskussjonijiet madwar mejda ddedikati għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh

3.1.2 MOBILIZZAZZJONI TA’ STRUMENTI TA’ DJALOGU U INTEGRAZZJONI FI-AMBITU TAL-ISTRATEĠIJA TAL-UE GĦAŻ-ŻGHAŽAĠH 2019-2027

Il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh²⁵ hija l-pedament ta’ kwalunkwe demokrazija li taħdem tajjeb, li tikkontribwixxi għal soċjetà aktar inklużiva u koeżiva, u f’dan is-sens, hija wkoll partikolarment rilevanti għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Bħala parti mill-**pakkett dwar id-“Difiża tad-Demokrazija”**, Rakkomandazzjoni li tippromwovi standards demokratiċi għoljin dwar l-elezzjonijiet u r-referenda Ewropej u nazzjonali tappoġġa l-parteċipazzjoni wiesgħa ta’ gruppi differenti, inkludha l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-elezzjonijiet²⁶. Jinkludi wkoll Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-impenn u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika²⁷, li fost l-oħrajn jippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u sikura tat-tfal u taż-żgħażaġh, mingħajr diskriminazzjoni tal-ebda tip. F’konformita mar-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom speċifikament biex isaħħu l-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh fil-ħajja politika u demokratika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali inkludat fiż-żoni rurali u remoti.

Il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija hija mezz biex jiżdiedu l-ħiliet ewlenin, il-prospetti, is-sens ta’ appartenenza u l-prospetti pożittivi taż-żgħażaġh. L-istħarriġ tal-2022 tal-

²⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa - Naqilbu l-Viżjoni f’Azzjoni Konkreta, COM(2022) 404 final.

²⁵ Matul is-Sena taż-Żgħażaġh is-Shubija taż-Żgħażaġh UE-Kunsill tal-Ewropa ppubblikat l-istudju “Meaningful youth political participation in Europe: concepts, patterns and policy implications”.

²⁶ Commission Recommendation on inclusive and resilient elections, C(2023)8626 final.

²⁷ Commission Recommendation on promoting the engagement and effective participation of citizens and civil society organisations in public policy-making processes, C(2023)8627 final.

Ewrobarometru dwar iż-Żgħażaġħ u d-Demokrazija wera involviment dejjem akbar taż-żgħażaġh, peress li 58 % tar-rispondenti żgħażaġh iddikjaraw li kienu attivi fis-soċjetajiet li jgħixu fihom²⁸.

Is-Sena rriżultat fi spinta qawwija għal aktar opportunitajiet u opportunitajiet aħjar għaż-żgħażaġh biex jiżviluppaw bħala ċittadini attivi u jipparteċipaw fil-ħajja demokratika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għalhekk, il-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh ħarġet bħala t-tema ewlenija tas-Sena, bl-akbar għadd ta' attivitajiet (43 %) fuq il-mappa tal-attività tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġh²⁹. “Aktar opportunitajiet biex iż-żgħażaġh jinstemgħu fil-livelli kollha” kienet ukoll l-ogħla azzjoni ta' segwitu, ippreferuta minn 61 % taż-żgħażaġh, 72 % tal-partijiet ikkonċernati u 73 % tal-koordinaturi nazzjonali u tal-punti ta' kuntatt nazzjonali fl-istħarriġ. Il-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh jeħtieġ li sseħħ fl-oqsma kollha ta' politika rilevanti għaż-żgħażaġh. Għalhekk huwa kruċjali li tingħata spinta lill-istrumenti tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Sabiex iżżomm il-momentum tas-Sena għad-djalogu u l-integrazzjoni u tibni fuqu, il-Kummissjoni se:

- **issaħħaħ id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ**, l-istrument ewleni għall-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-Ewropa, billi żżid il-viżibbiltà u l-ilħuq tiegħu, tinvolvi aktar organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh diversi, u ttejjeb it-tixrid, l-adozzjoni u s-segwitu tal-eżiti tad-djalogu fil-livelli kollha, u ssaħħaħ l-isforzi biex jiġu involuti ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ huwa konverżazzjoni kontinwa maż-żgħażaġh u mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh li tinvolvi lil dawh li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet, kif ukoll lill-esperti, lir-riċerkaturi u lil korpi oħra rilevanti tas-soċjetà ċivili. Sabiex jgħin biex jintlaħaq il-livell lokali fil-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh, dan id-djalogu jista' jkun marbut aħjar ma' inizjattivi ewlenin li ġejjin tal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se **tallinja l-fokus tad-djalogu aktar mill-qrib mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni**. Biex tappoġġa l-proċess tat-tkabbir, il-Kummissjoni se tesplora kif għandha tinvolvi ruħha ulterjorment maż-żgħażaġh minn pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.
- tiffaċilita l-iskambji u l-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh dwar inizjattivi ta' politika li ġejjin, ma' **grupp ġdid tal-pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ**, li jibni fuq il-grupp tal-partijiet ikkonċernati tas-Sena, bil-parteeċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, riċerkaturi taż-żgħażaġh, rappreżentanti tal-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-ħidma tal-pjattaforma se **ssegwi mill-qrib l-inizjattivi li ġejjin tal-UE**.
- tiżviluppa ulterjorment il-**Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ** bħala punt uniku ta' servizz għall-opportunitajiet tal-UE għaż-żgħażaġh li jappoġġaw l-ilħuq, is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni maż-żgħażaġh. L-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni huma prerekwiżiti għal parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh, u jsaħħu wkoll is-sens ta' appartenenza u ta' prospettiva Ewropej għaż-żgħażaġh.
- tesplora l-fattibbiltà li jiġu pprovduti **mikroghotjiet** fil-programm futur Erasmus+. Dawn l-**għotjiet ta' limitu baxx u ta' valur baxx ġew** ittestjati b'suċċess minn xi koordinaturi nazzjonali matul is-Sena. Dawn jipprovdu **aċċess faċli għall-finanzjament** għaż-żgħażaġh biex jaħdmu fuq proġetti komuni, jiżviluppaw il-ħiliet, il-kapaċità tagħhom għall-azzjoni u l-fiduċja tagħhom, biex jagħmlu differenza pożittiva fil-komunitajiet tagħhom. Barra minn hekk, il-mikroghotjiet huma mekkaniżmu effiċjenti biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh u l-interess tagħhom fl-opportunitajiet tal-UE għaż-żgħażaġh.

²⁸ Stharriġ tal-Ewrobarometru Flash 502 - “*Youth and Democracy in the European Year of Youth*”, Mejju 2022.

²⁹ L-organizzaturi, kemm jekk partijiet ikkonċernati kif ukoll jekk individwi żgħażaġh minn madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, intlaqgħu tajjeb biex juru l-inizjattivi tagħhom relatati mas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ fuq il-mappa tal-attivitajiet tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.

- tressaq lill-UE eqreb lejn iż-żgħażaġh u tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-oportunitajiet tal-UE matul il-**Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ**, mit-12 sad-19 ta' April 2024, bit-tema tal-parteċipazzjoni demokratika. Il-Ġimgħa hija rilevanti ħafna qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Bħala parti mill-Ġimgħa, se tiġi organizzata **t-tieni** edizzjoni tal-avveniment **LevelUp!** kif ittestjat skont is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament. L-għan huwa li jittejjbu l-ħiliet ta' promozzjoni, komunikazzjoni u organizzazzjoni tal-attivisti żgħażaġh u li tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-elezzjonijiet, inklużi l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.
- **tappoġġa aktar l-involvement taż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE, permezz ta' strutturi konsultattivi għaż-żgħażaġh fid-Delegazzjonijiet tal-UE**, u inizjattivi globali speċifiċi bħall-Inizjattiva Żgħażaġħ u Nisa (WYDE)³⁰ fid-Demokrazija. Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ dan l-involvement istituzzjonali taż-żgħażaġh, billi tgħaqqad iż-żgħażaġh mill-Ewropa u madwar id-dinja, u billi fl-2024 tlaqqa' flimkien membri tan-networks globali taż-żgħażaġh, bħall-gruppi konsultattivi taż-Żgħażaġħ.
- toħloq sinerġiji bejn il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-azzjonijiet ta' parteċipazzjoni tat-tfal³¹ li jwieġbu għad-dritt tat-tfal li jinstemgħu. Tkompli l-implimentazzjoni tal-**Pjattaforma l-ġdida tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal**³² li tinvolvi lit-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u tappoġġa l-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja demokratika minn età bikrija.
- thegġegħ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu **koordinaturi nazzjonali jew reġjonali taż-żgħażaġh**, skont l-eżempju tal-koordinatur taż-żgħażaġh tal-UE. Dawn il-koordinaturi jżidu l-kooperazzjoni transsettorjali dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Huma jiġu mistiedna jikkontribwixxu għall-pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ u jaħdmu flimkien mal-koordinatur tal-UE għaż-żgħażaġh. F'konformità mal-prijoritajiet imsaħħa għat-tkabbir imħabbra mill-President von der Leyen, il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali se tiġi mħeġġa wkoll.

Peress li l-integrazzjoni taż-żgħażaġh għadha kunċett relattivament ġdid, l-introduzzjoni ta' strumenti konkreti ta' integrazzjoni fil-livelli tal-UE u nazzjonali (inklużi verifiki taż-żgħażaġh, testijiet taż-żgħażaġh jew simili) jeħtieġ li tkun gradwali u **akkumpanjata minn sett ta' miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet**, inklużi l-apprendiment bejn il-pari, il-ġbir tal-evidenza, it-taħriġ u r-riżorsi, biex jinbena għarfien dwar x'jaħdem. Dan huwa essenzjali biex jitfassal l-aktar mod effettiv sabiex jintlaħaq l-oġettiv tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh, **mingħajr ma jiġi introdott piż amministrattiv mhux meħtieġ**. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- tippreżenta fl-2024 **rapport analitiku**, ibbażat fuq il-kontribut mill-Istati Membri, b'ħarsa ġenerali lejn l-esperjenzi nazzjonali bl-approċċi tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh.
- tiffaċilita l-**iskambji ta' Prattiki tajbin u torganizza attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari** għall-Istati Membri interessati. Dawn l-attivitajiet jistgħu jiżviluppaw għodod, linji gwida u riżorsi ta' taħriġ.

³⁰ L-inizjattiva WYDE tinkludi ħames komponenti: (i) il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-affarijiet pubbliċi, (ii) iż-żgħażaġh għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, (iii) iż-żgħażaġh u n-nisa fil-parlamenti, (iv) iż-żgħażaġh u n-nisa fil-partiti politiċi u (v) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni politika tan-nisa żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

³¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final.

³² Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

- tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-**Kunsill tal-Ewropa u l-OECD**, biex tkompli tarrikkixxi l-bażi tal-evidenza u t-tagħlimiet meħuda mill-integrazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġh.

Is-sejbiet jistgħu wkoll jiddaħħlu fid-diskussjonijiet fir-roundtables dedikati għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh.


Azzjonijiet ewlenin:

1. It-tishiġ tad-djalogu tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ
2. L-istabbiliment ta' grupp ta' pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ
3. L-iżvilupp ulterjuri tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ bħala punt uniku ta' servizz għall-opportunitajiet tal-UE
4. Tiġi esplorata l-fattibbiltà tal-mikroġotijiet fl-ambitu ta' Erasmus+ futur
5. Il-Ġimġha Ewropea taż-Żgħażaġħ tal-2024 dwar il-parteċipazzjoni demokratika u l-avveniment LevelUp! għall-attivisti żgħażaġh
6. L-appoġġ lill-involvement taż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE
7. Il-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u tat-tfal
8. L-inkoraġġiment lill-Istati Membri biex jistabbilixxu koordinaturi nazzjonali jew reġjonali taż-żgħażaġh
9. Il-bini tal-għarfien u tal-kapaċità dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh permezz tal-apprendiment bejn il-pari, il-ġbir tal-evidenza, it-taħriġ u r-riżorsi

3.2 INDIRIZZAR TAT-TĦASSIB TAŻ-ŻGHAŻAĠH FL-OQSMA KOLLHA TA' POLITIKA

L-azzjonijiet ta' integrazzjoni taż-żgħażaġh deskritti hawn fuq huma potenzjalment rilevanti għall-oqsma kollha ta' politika. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha li jikkonċernawhom, u l-ħtiġijiet tagħhom għandhom jitqiesu fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwawhom.

Iż-żgħażaġh liema temi ewlenin ħasbu li s-sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għandha tagħmel enfasi fuqhom³³?



Bażi: Ir-rispondenti kollha (n=26 178)

Sors: Stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash 502 “Iż-Żgħażaġħ u d-demokrazija fis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ”, Mejju 2022

Għalhekk, b’segwitu għas-Sena u b’riflessjoni tat-tħassib ewleni taż-żgħażaġh, il-Kummissjoni se tmexxi ’l quddiem azzjonijiet fil-**ħames oqsma ta’ politika ewlenin ta’ rilevanza għaż-żgħażaġh** li ġejjin: **is-saħħa u l-benesseri, l-ambjent u l-klima, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-koooperazzjoni internazzjonali u l-valuri Ewropej, l-impjieg u l-inklużjoni.**

3.2.1 SAĦĦA U BENESEERI

Il-pandemija tal-COVID-19 kienet sfida serja għas-saħħa mentali, speċjalment fost iż-żgħażaġh. Barra minn hekk, huma jiffaċċaw bosta sfidi minn għodod diġitali inkluża l-media soċjali u dan ipoġġi pressjoni dejjem akbar fuq is-saħħa mentali ta’ ħafna żgħażaġh. Matul il-pandemija tal-COVID-19, is-solitudni akbar u t-tnaqqis fl-interazzjoni soċjali, l-oportunitajiet mitlufa, l-inċertezza dwar il-futur u l-ansjetà kkawżati mill-biża’ u mit-telf ilkoll ħolqu stress.^{34 35 36}

It-titjib tas-saħħa u l-benesseri mentali u fiżiċi huwa l-prijorità li qed tikber l-aktar malajr għaż-żgħażaġh fl-UE³⁷. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **approċċ komprensiv għas-saħħa**

³³ Ir-rispondenti setgħu jagħżlu sa tliet tweġibiet.

³⁴ Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2021, COM/2021/636 final.

³⁵ Skont rapport tal-UNICEF mill-2021, is-suwieċidju huwa t-tieni l-akbar kawża ewlenija ta’ mewt fost iż-żgħażaġh (15-19-il sena) wara l-inċidenti tat-triq, u fl-UE, il-valur annwali tad-degradazzjoni tas-saħħa mentali, fit-tfal u fiż-żgħażaġh huwa stmat għal EUR 50 biljun.

³⁶ Skont ir-rapport Health at a Glance tal-2022 wieħed minn kull żewġ żgħażaġh Ewropej irrapporta bżonnijiet mhux issodisfati għas-saħħa mentali, u d-dipressjoni fost iż-żgħażaġh aktar milli rdoppjat.

³⁷ Stharriġ tal-Ewrobarometru Flash 502 - “Youth and democracy in the European Year of Youth”, Mejju 2022.

mentali³⁸ minn Ġunju 2023 kienet l-ewwel pass u pass ewlieni biex jiġi żgurat approċċ transsettorjali għid għas-saħħa mentali. Fit-tħejjija tagħha, inġabru kontributi speċifiċi dwar is-saħħa mentali taż-żgħażaġh. Il-Komunikazzjoni dwar is-saħħa mentali tidentifika 20 inizjattiva ewlenija u EUR 1,23 biljun f'appoġġ finanzjarju minn diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE. Il-Kummissjoni se:

- tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola**,³⁹ li tenfasizza l-benesseri emozzjonali tat-tfal u taż-żgħażaġh bħala fattur ewlieni għat-titjib tal-possibbiltajiet tagħhom li jirnexxu fl-edukazzjoni u fil-ħajja b'mod ġenerali;
- tħejji **linji gwida dwar il-benesseri fl-iskejjel**, li għandhom jiġu ppubblikati fl-2024 permezz tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ;
- bħala prijorità fl-2024⁴⁰, u kif imħabbar fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal⁴¹, tippreżenta **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal** fl-Istati Membri. Dan se jkun iċċentrat fuq il-ħtiġijiet tat-tfal u se jiżgura użu aħjar tal-għodod eżistenti tal-UE (leġiżlazzjoni, miżuri ta' politika u finanzjament);
- timplimenta inizjattivi ewlenin skont il-**Komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar is-saħħa mentali**, bħall-appoġġ għall-ħolqien ta' network tas-saħħa mentali tat-tfal u taż-żgħażaġh fl-2024, għall-iskambju ta' informazzjoni, appoġġ reċiproku u għat-twettiq ta' sensibilizzazzjoni permezz tal-Ambaxxaturi taż-Żgħażaġħ, u l-iżvilupp ta' **sett ta' għodod ta' prevenzjoni**, li jindirizza r-rabtiet bejn is-saħħa mentali u fiżika u d-determinanti ewlenin tas-saħħa;
- permezz tal-azzjoni **"Skrins Tajbin għas-Saħħa, Żgħażaġħ f'Saħħithom"**, iż-żgħażaġh fl-isfera diġitali, online u fuq il-media soċjali, se jkunu protetti aħjar;
- tappoġġa lill-Istati Membri fil-**monitoraġġ tal-impatt tat-trasformazzjoni diġitali fuq il-benesseri tat-tfal** permezz tal-portal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK);
- tappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu l-**benesseri u s-saħħa mentali taż-żgħażaġh fl-ambitu tal-inizjattiva ewlenija tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku 2024** dwar is-Saħħa Mentali. Trawwem il-benesseri u s-saħħa mentali⁴² u tkompli l-appoġġ skont il-Flagship Youth FIRST biex jissaħħu s-saħħa mentali u l-indukrar ta' tfal u żgħażaġh vulnerabbli;
- **tiżgura spazju diġitali aktar sikur u aktar b'saħħtu għaż-żgħażaġh** permezz tal-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, li jirrikjedi pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għalihom;
- tippreżenta **Pakkett ta' Prevenzjoni** fl-ambitu tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, inklużi:

³⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final.

³⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel.

⁴⁰ Bħala parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024.

⁴¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final.

⁴² TSI 2024 Flagship - Is-saħħa mentali: It-trawwim tal-benesseri u tas-saħħa mentali (europa.eu).

- abbozz ta' **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers prevenibbli b'vaċċin**, li jagħti spinta lill-adozzjoni tat-tilqim kontra l-virus tal-papilloma uman fost bniet u subien preadolesxenti u adolexxenti, u

aġġornament tar-**Rakkomandazzjoni tal-2009 tal-Kunsill dwar ambjenti bla tipjip**, li tipproteġi lin-nies mill-esponiment għad-duħħan u l-aerosols ikkawżati minn persuni oħra u tikkontribwixxi għall-kisba ta' Ġenerazzjoni mingħajr Tabakk;

- **tappoġġa liż-żgħażaġh fir-reġjuni l-aktar imbiegħda** biex itejbu l-kwalità tal-ħajja mfassla għar-reġjuni tagħhom permezz tal-iskema ta' għotjiet ta' EUR 1 miljun Youth4Outermostregions⁴³;

3.2.2 AMBJENT U KLIMA

Is-suċċess tal-Patt Ekoloġiku tal-UE jibbaża fuq il-parteciġazzjoni attiva taċ-ċittadini. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ ħolqot opportunitajiet għall-involviment u għall-għajnuna fit-tiswir tat-tranżizzjoni ekoloġika. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu mgħammra b'ħiliet u b'għarfien rilevanti biex jaġixxu fuq l-isfidi ambjentali u tat-tibdil fil-klima b'soluzzjonijiet kreattivi u innovattivi. Biex tibni fuq dawn l-isforzi, il-Kummissjoni se:

- tappoġġa komunità ta' **Ambaxxaturi żgħażaġh tal-Patt Klimatiku tal-UE** biex tippromwovi l-azzjoni klimatika fost iż-żgħażaġh fuq il-post u tappoġġa l-attivitajiet lokali tagħhom;
- tappoġġa l-kontribut taż-żgħażaġh għall-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri bħala għodda essenzjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza għad-diżastri futuri;
- iżżid l-**opportunitajiet ta' volontarjat għaż-żgħażaġh** biex jindirizzaw it-tranżizzjoni ekoloġika, billi **żżid is-sejħa tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2024** minn **Orizzont Ewropa**;
- tħeġġeġ **networks ta' bliet u reġjuni ekoloġiċi** (bħall-inizjattiva tal-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi), biex trainees u voluntiera żgħażaġh jinvolvu ruħhom fi proġetti ekoloġiċi lokali;
- tippromwovi aktar proġetti klimatiċi mmexxija miż-żgħażaġh fil-**proġett EUTEens4Green** taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;
- tappoġġa lill-Istati Membri hekk kif jimplimentaw ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli**⁴⁴;
- tippromwovi l-**Laboratorju l-ġdid għall-Apprendiment fost iż-Żgħażaġħ** bħala parti mill-**Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima**;
- tilħaq liż-żgħażaġh permezz tal-**kampanja** li jmiss tal-Kummissjoni **dwar il-klima u d-demokrazija** qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024;
- tippromwovi l-involviment taż-żgħażaġh mill-Balkani tal-Punent fit-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' **Laboratorju taż-Żgħażaġħ iddedikat għall-Balkani tal-Punent**;

⁴³ Call relaunched – Youth for Outermost Regions: €1 million to support youth in the outermost regions (europa.eu).

⁴⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli.

- tespandi l-ilħuq tal-azzjoni **Girls Go Circular**, mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni, biex tagħti spinta lill-ħiliet diġitali u intraprenditorjali għall-bniet fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari.
- tenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ lit-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, billi ż-żgħażaġ huma sors ta' ideat ġodda u ta' enerġija, b'inizjattivi innovattivi, u huma impenjati favur prattiki u tranżizzjoni sostenibbli.

3.2.3 EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

It-tema tal-edukazzjoni u t-taħriġ kienet suġġett importanti matul is-Sena, sena li ħabtet maċ-ċelebrazzjoni tal-35 anniversarju tal-programm Erasmus+ u t-tkomplija tal-apprendiment barra mill-pajjiż wara l-pandemija. Il-ħtieġa li dan jiġi ffaċilitat ulterjorment, ġiet enfasizzata f'**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġ madwar l-Unjoni Ewropea**⁴⁵, ir-Rakkomandazzjoni riċenti **tal-Kunsill "Ewropa Attiva"**⁴⁶ u fir-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-2022 dwar il-Futur tal-Ewropa⁴⁷. Il-Kummissjoni se:

- tmexxi 'l quddiem il-ħidma lejn **lawrja Ewropea konġunta** fl-2024, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet, u tgħin biex jinbena sens aktar b'saħħtu ta' appartenenza Ewropea fost l-istudenti tal-edukazzjoni għolja u l-persunal akkademiku involuti fi programmi akkademiċi tranżnazzjonali. It-tikketta ta' Lawrja Ewropea konġunta tkun ċertifikat komplementari, ibbażat fuq kriterji komuni Ewropej, għall-kwalifiki miksuba mill-istudenti li jiggradwaw minn programmi konġunti;
- tippromwovi rwol aktar b'saħħtu għaż-żgħażaġ fiċ-**Ċentru tal-Edukazzjoni Diġitali**, fir-rieżami tal-2024 tal-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali** u f'inizjattivi oħra marbuta mal-fatt li l-edukazzjoni diġitali fl-Ewropa ssir ta' kwalità għolja, inklużiva u aċċessibbli għal kulħadd inkluż fit-territorji rurali u remoti;
- tikkonsolida l-azzjoni **Jean Monnet għall-iskejjel** taħt Erasmus+ biex jiġi promoss aktar l-apprendiment dwar l-integrazzjoni u l-valuri tal-UE minn età bikrija;
- tħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ, sport, volontarjat u impjieġ għaż-**żgħażaġ f'żoni rurali u remoti**, kif previst fil-pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE⁴⁸;
- tkompli fl-2024 l-inizjattiva **TalentOn tal-UE** għal riċerkaturi żgħażaġ b'talent u l-inizjattiva tal-**Konkors tal-UE għal Xjenzati Żgħażaġ**, bħala parti mill-Belt Ewropea tax-Xjenza ta' Katowice 2024;
- tindirizza n-**nuqqas ta' rappreżentanza tal-bniet u tan-nisa fl-edukazzjoni u t-taħriġ STEM**, inkluż permezz tal-approċċ STEAM⁴⁹, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u l-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet;

⁴⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġ madwar l-Unjoni Ewropea.

⁴⁶ Europe on the Move - a proposal on the future of learning mobility | Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (europa.eu)

⁴⁷ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (europa.eu).

⁴⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM(2021) 345 final.

- tappoġġa lill-Istati Membri biex ifasslu u jimplimentaw riformi mmirati li jiżviluppaw il-ħiliet taż-żgħażaġh, skont l-inizjattiva ewlenija tal-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku** 2024 dwar il-Ħiliet: trawwem sistemi għall-iżvilupp tal-ħiliet adattati aħjar għas-suq tax-xogħol⁵⁰. L-appoġġ se jindirizza d-diskrepanzi persistenti fil-ħiliet, in-nuqqas ta' ħaddiema u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni.
- tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-**universitajiet tal-Balkani tal-Punent** skont l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej;
- tippromwovi l-adozzjoni tal-**qafas konġunt ta' kompetenza finanzjarja** UE/OECD-INFE għat-tfal u ż-żgħażaġh fl-UE⁵¹, fost l-Istati membri u l-partijiet ikkonċernati.

3.2.4 KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U VALURI EWROPEJ

Bħala r-riżultat ewlieni tad-dimensjoni globali tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, l-UE ppreżentat l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tagħha għaż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE⁵², imfassal flimkien mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u maż-żgħażaġh. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jinvolvi, jagħti s-setgħa u jgħaqqad liż-żgħażaġh mill-UE u mill-pajjiżi sħab mir-reġjuni kollha permezz ta' inizjattivi speċifiċi, filwaqt li jippermettilhom jesprimu l-perspettiva tagħhom u jipparteċipaw bħala sħab fl-azzjoni esterna tal-UE. Il-Kummissjoni se:

- biex iżżid l-involvement tal-UE maż-żgħażaġh fuq livell globali, permezz tal-implimentazzjoni u t-tisħiħ ta' inizjattivi bħall-**Grupp Konsultattiv taż-Żgħażaġħ** tal-UE għas-Sħubijiet Internazzjonali u l-istabbiliment dejjem akbar ta' strutturi konsultattivi għaż-żgħażaġh tad-Delegazzjonijiet tal-UE.
- tappoġġa l-kontribut taż-żgħażaġh għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz ta' għodod essenzjali, riżorsi u ħiliet inklużi inizjattivi bħall-Fond għall-Awtonomizzazzjoni taż-Żgħażaġh⁵³ u l-Akkademja taż-Żgħażaġħ Afrika-Ewropa.
- tistabbilixxi pjattaforma għal djalogu u konsultazzjonijiet regolari mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh madwar id-dinja permezz tal-**Pjattaforma tad-Djalogu maż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE**⁵⁴, u tiżgura l-inklużjoni taż-żgħażaġh f'diversi proċessi ta' konsultazzjoni inkluż bħala parti mit-tnedija tal-Istrateġija Global Gateway⁵⁵.

⁴⁹ L-approċċ STEAM jirreferi għall-inklużjoni tal-arti, ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanitarji fl-edukazzjoni STEM, bħala approċċ transdixxiplinarju, inklużiv u orjentat lejn il-futur għall-apprendiment, biex l-istudji u l-karrieri STEM isiru aktar attraenti għal grupp divers ta' studenti.

⁵⁰ TSI 2024 Flagship "Flagship dwar il-Ħiliet: It-trawwim ta' sistemi għall-iżvilupp tal-ħiliet adattati aħjar għas-suq tax-xogħol (europa.eu).

⁵¹ European Union/OECD, Financial competence framework for children and youth in the European Union.

⁵² Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ (YAP) fl-azzjoni esterna tal-UE 2022 – 2027 li jippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh u l-awtonomizzazzjoni tagħhom fl-azzjoni esterna tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza u l-paċi, JOIN(2022) 53 final.

⁵³ Il-Fond għall-Awtonomizzazzjoni taż-Żgħażaġħ tnieda fl-4 ta' Ottubru 2022 u ġie implimentat bi sħubija mal-akbar organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fid-dinja permezz tal-Mobilizzazzjoni Global taż-Żgħażaġħ.

⁵⁴ Is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal sħubija fil-Pjattaforma ta' Djalogu maż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE tnediet fis-6 ta' Ottubru 2023.

⁵⁵ Il-Pjattaforma ta' Djalogu bejn is-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali Global Gateway tnediet fl-24 ta' Ottubru 2023 u tinkludi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

- tipprovdi spazju u kapaċitajiet ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni attiva taż-żagħżagħ fit-tiswir tal-paċi, fir-riforma tas-settur tas-sigurtà u fil-proċessi ta' medjazzjoni, biex jiġi żgurat li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet speċifiċi taż-żagħżagħ u li jiġi rikonoxxut u appoġġat ir-rwol tagħhom fir-rikostruzzjoni, f'konformità mal-impenn tal-UE għall-Aġenda tan-NU għall-Paċi u s-Sigurtà.
- tiftaħ **azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet taż-żgħażagħ u tal-isport tal-Erasmus+** fis-sejħa tal-2024 (permezz ta' fondi mill-NDICI-Ewropa Globali) għall-parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-isport mill-Ukrajna u minn pajjiżi oħra mir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, biex tinbena l-kapaċità tagħhom. Dawn l-azzjonijiet diġà huma miftuħa għas-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent. Tesplora l-potenzjal tal-Erasmus+ f'reġjuni oħra, speċjalment fl-oqsma tal-iskambji virtwali u l-bini tal-kapaċitajiet taż-żgħażagħ;
- tappoġġa ulterjorment in-**Network ta' soċjetajiet tal-istudenti tal-Affarijiet Ewropej li nħoloq dan l-aħħar fl-universitajiet kollha tar-Renju Unit**. Se titnieda struttura konsultattiva għaż-żgħażagħ fid-Delegazzjoni tal-UE għar-Renju Unit bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-azzjoni esterna tal-UE.
- fid-dawl tas-Summit tan-NU tal-Futur, tkompli taħdem flimkien mas-SEAE u mal-Istati Membri tal-UE favur Patt għall-Ġejjieni ambizzjuż u orjentat lejn l-azzjoni, inkluż fuq il-Kapitlu tiegħu li jiffoka speċifikament fuq iż-żagħżagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri, u tiżgura s-segwitu tiegħu.

3.2.5 IMPJIEGI U INKLUŻJONI

L-UE tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu l-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ, inkluż billi tagħmel enfasi fuq iż-żgħażagħ f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, bħaż-żgħażagħ b'diżabbiltà u indirettament billi tinvesti fl-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni kollha tal-UE. L-indirizzar tad-disparitajiet soċjali, ekonomiċi u territorjali huwa rilevanti għaż-żgħażagħ peress li jtejjeb l-aċċess ugwali għall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-servizzi tal-inklużjoni soċjali u l-oportunitajiet. L-għan huwa li ż-żgħażagħ jiġu meġhuna jaċċessaw l-oportunitajiet irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku jew mill-post ta' residenza tagħhom, u jixprunaw it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u t-tkabbir inklużiv 'il quddiem. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa se tkompli tkun għodda essenzjali biex tgħin liż-żgħażagħ jidħlu fis-suq tax-xogħol. Fl-ambitu tan-NextGenerationEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza qed tippromwovi l-investimenti u r-riformi fl-Istati Membri, b'enfasi fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u fuq politiki oħra għat-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.

It-traineeships huma pass importanti għaż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol. Minħabba l-benefiċċji distinti tat-traineeships, iż-żgħażagħ talbu kundizzjonijiet aħjar għat-taħriġ fl-UE u ressqu petizzjonijiet għal projbizzjoni għal traineeships mhux imħallsa bħala legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ⁵⁶. Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2023 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-traineeships ta' kwalità, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tiżgura standards

⁵⁶ [No more unpaid internships! | European Youth Forum](#).

minimi ta' kwalità għat-traineeships, inkluża r-remunerazzjoni⁵⁷. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- **taġġorna l-qafas ta' kwalità tagħha għat-traineeships** fl-2024 biex tindirizza kwistjonijiet inklużi remunerazzjoni ġusta u aċċess għall-protezzjoni soċjali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha ssegwi r-riżoluzzjoni tal-Parlament bi proposta għal att leġislativ, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet;
- timplimenta ulterjorment l-**inizjattiva ALMA** (aspira, tgħallem, aħkem, ikseb) biex tgħin liż-żgħażaġh żvantaġġati ta' bejn it-18 u d-29 sena jintegraw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol f'pajjiżi oħra. Wara sejħa fil-livell tal-UE għal proposti ta' proġetti skont ALMA, huwa mistenni li aktar minn 800 żaġhżuġh li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg jew fit-taħriġ se jipparteċipaw f'29 proġett madwar l-UE⁵⁸.
- **taħdem ma' gruppi li l-potenzjal intraprenditorjali mhux sfruttat tagħhom għadu għoli**, inklużi ż-żgħażaġh, permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ta' mentoraġġ u ta' coaching⁵⁹;
- tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lir-reġjuni tal-UE fl-**implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-2021-27**⁶⁰, inkluż l-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, il-kura soċjali u tas-saħħa, it-turiżmu u l-kultura sostenibbli, li minnhom iż-żgħażaġh bħala gruppi fil-mira identifikati se jibbenefikaw skont il-ħtiġijiet identifikati fit-territorji fil-mira;
- tappoġġa r-reġjuni tal-UE affettwati mill-isfidi demografiċi, inkluż mit-tluq tal-popolazzjoni żaġhżuġha tagħhom, bil-**Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent**. Il-Mekkaniżmu jappoġġa lir-reġjuni tal-UE biex iħarrġu, iżommu u jattiraw lin-nies, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jindirizzaw l-impatt tat-tranżizzjoni demografika;
- tkompli tappoġġa lill-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent fl-**implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**, tirrifletti l-mudell tal-UE u tippromwovi approċċi simili fil-pajjiżi tal-viċinat biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jiffaċċaw iż-żgħażaġh li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg jew fit-taħriġ (NEET).
- tkompli tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-**Garanzija Ewropea għat-Tfal** bl-għan li jiġu pprevenuti u miġġielda d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali.
- bħala waħda mill-inizjattivi tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità⁶¹, il-Kummissjoni flimkien mal-partijiet ikkonċernati se tiżviluppa l-Pakkett dwar l-Impiegi għall-Persuni b'Diżabilità, sett ta' linji gwida u prattiki bl-għan li jiffaċilitaw l-impjieg tal-

⁵⁷ Ir-**riżoluzzjoni** tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva dwar it-traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ, it-traineeships fil-kuntast ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u t-traineeships li huma parti obbligatorja mit-taħriġ professjonali.

⁵⁸ Sa issa, 15-il Stat Membru impenjaw ruħhom li jinkludu lil ALMA fil-programmi nazzjonali jew reġjonali tagħhom tal-FSE+ (2021-27)

⁵⁹ **Azzjoni 17 tal-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs.**

⁶⁰ **Il-politika ta' koeżjoni - Il-politika ewlenija ta' investiment tal-UE.**

⁶¹ **Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, COM(2021)101 final.**

persuni b'diżabilità. Fost l-oħrajn, il-linji gwida se jiffokaw fuq gwida għall-karriera u l-prattiki ta' reklutaġġ, rilevanti għaż-żgħażaġh b'diżabilità.

- thegħġegħ l-iżvilupp ta' żoni rurali prosperi, aktar b'saħħithom, konnessi u reżiljenti, li se jappoġġaw l-impjieg taż-żgħażaġh f'konformità mal-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE.

4 INSOSTNU L-IMPENN TAGĦNA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-EWROPA

L-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE saħħew l-impenn eżistenti tagħhom għaż-żgħażaġh matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, f'konformità mal-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 li tippromwovi l-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh u li tintegra l-perspettiva taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika. Huwa kritiku li dan jiġi appoġġat u żviluppat. L-appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġh huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjoni li jmiss tal-Ewropej tkun mġammra biex tindirizza l-isfidi tad-dinja tagħna li qed tinbidel malajr u tiffaċċa l-futur b'fiduċja.

Il-Kummissjoni Ewropea se tappoġġa ulterjorment liż-żgħażaġh b'azzjonijiet konkreti ta' segwitu kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni. Ċentrali għal dan l-approċċ huwa l-ispiritu kollaborattiv inkorporat fis-Sena nnifisha. Dan issolidifika fehim kondiviż li l-proġetti mmirati lejn iż-żgħażaġh huma aktar effiċjenti u effettivi meta jinħolqu u jiġu implimentati f'kollaborazzjoni maż-żgħażaġh u mal-partijiet ikkonċernati taż-żgħażaġh. Ir-riżultati huma amplifikati meta l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jkunu miftuħa u ddedikati għall-kooperazzjoni u għad-djalogu kontinwu.

Dan id-djalogu u l-kooperazzjoni se jkunu partikolarment importanti fl-isforzi biex iż-żgħażaġh jiġu involuti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Iżda l-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh ma tibdiex u tintemm bil-votazzjoni biss. Din tikber minn pass żgħir li jittieħed – kemm jekk huwa volontarjat għal proġett ta' teatru fil-komunità kif ukoll jekk huwa parteeipazzjoni f'kampanja nazzjonali għat-tindif tal-bajjiet. Forom oħra ta' parteeipazzjoni taż-żgħażaġh jinkludu li ż-żgħażaġh joħorġu għal kunsill tal-istudenti, iniedu petizzjoni jew jipparteeipaw f'konsultazzjoni fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, jissieħbu f'NGO internazzjonali taż-żgħażaġh, jattendu għall-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ jew għall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ, jew jipparteeipaw fi proġett immexxi mill-programmi taż-żgħażaġh tal-UE. Dawn kollha jirrappreżentaw il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fl-azzjoni.

L-opportunitajiet mogħtija liż-żgħażaġh isawruhom bħala ċittadini u jħallu impatt fuq l-għażliet li jagħmlu u l-perkorsi li se jieħdu fil-ħajja. Dan fl-aħħar mill-aħħar jista' jiddefinixxi d-direzzjoni li se tieħu l-Ewropa. Din hija r-raġuni għaliex l-Unjoni Ewropea se tagħti liż-żgħażaġh rwol aktar b'saħħtu fil-formulazzjoni u fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE.

L-2022 kienet is-sena tagħhom; il-ġejjieni għandu jkun tagħhom ukoll.